MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Numru. 54/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETETUR JOSEPH MERCIECA**

**KONTRA**

**KATARINA SCICLUNA ta' 72 sena, bint Nicola Balzan u Duminka nee' Grima, imwielda Siggieri nhar is-17.12.1938, residenti fil-fond numru 43, JoeKate, Triq Lorenzo Gafa', Siggiewi, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 858038M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn imsemmija **Katarina Scicluna** li giet akkuzata talli nhar l-10 ta' Dicembru, 2008, u/jew zmien qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Minn fond Lancaster, Triq Castelletti, Sliema, ikkommettiet serq ta' ghadd ta' oggetti tad-dar, hwejjeg, gojjellerija, u hwejjeg ohra, liema serq hu aggravat bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-persuna, u li sar ghad-dannu ta' Dorothy Trapani Galea u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli minn fond Flat 3, Dolphin Court, ix-Xatt ta' Tigne', Sliema, ikkommettiet serq ta' gojjellerija u hwejjeg ohra, liema serq hu aggravat bil-valur, li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-persuna, u li sar ghad-dannu ta' Nathalie Bianchi u/jew ta' persuni ohra;

3. U aktar talli minn fond numru 59A, Villa Icilio, Triq Annibale Preca, Lija, ikkommettiet serq ta' flus u/jew oggetti ohra, liema serq hu aggravat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-persuna, u li sar ghad-dannu ta' Andre' Bianchi u/jew persuni ohra;

4. U aktar talli minn fond numru 60, Triq Annibale Preca, Lija, ikkommettiet serq ta' diversi oggetti, liema serq hu aggravat bil-persuna, u li sar ghad-dannu ta' Nicholas Bianchi u/jew persuni ohra.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju (folio 13) l-imputata wiegbet li mhix hatja ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront taghha.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe':

a. Fl-Artikoli 18, 261(c)(d), 267, 268(a), 279(b), 280(1), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 18, 261(c)(d), 267, 268(a), 279(b), 280(1), 281(a), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 18, 261(c)(d), 267, 268(a), 279(b), 280(1), 281(a), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-Artikoli 18, 261(c)(d), 267, 268(a), 279, 280(1), 281(a), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikoli 17, 23, 23B, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess Artikoli l-imputata ma kellha ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji (folio 180).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta' Andre' Bianchi jirrizulta li l-imputata kienet helper tnaddaf fid-dar taghhom u tant kienet hekk ilha, li saret parti mill-familja taghhom, dan meta kienu joqoghdu Birkirkara. Xehed illi l-imputata bdiet tahdem maghhom 24 sena ilu. Tnaddaf ukoll ghand l-istess xhud, ghand huh Nicholas Bianchi, u ghand zijtu. Dwar minn jghix mieghu fid-dar, wiegeb illi hadd, li hu biss kellu c-cavetta. Xehed illi sab wallet nieqes li fih kellu Lm450.00. Xehed ukoll dwar episodju fejn kien jifta' go mug muniti ta' wiehed jew zewg Ewro u f'okkazjoni minnhom, meta kien hemm l-imputata, mar biex jiehu l-flus u minn mug mimli lanqas sab pulzier mimli. Kien zgur illi l-mug kien mimli bil-flus. Qal illi hu lilha (lill-imputata) ma rrinfaccjahiex fuq dan il-fatt. Xehed dwar incident fejn wasal lura go daru u sab basket tan-nisa miftuh imdendel mat-tarag, ghalih kien qieghed hemm biex jintela'. Naqsulu hafna affarijiet mhux ta' valur kbir. Semma' per ezempju basktijiet tal-plastic li kien izomm ghax-xiri u sabhom neqsin. Ezebixxa l-lista, Dok AB, ta' l-affarijiet kollha neqsin mill-familja Bianchi. Innega li ghandu qatt dahlu n-nies, li qatt ghamel xi parties, anzi qal illi daru ma kinitx armata jew f'postha bizzejjed biex fiha jilqa' n-nies. Innega wkoll illi qatt baghat lill-imputata tixtri l-gas u allura tiehu l-flus mill-mug. Xehed illi ghand il-grocer darba biss darba.

In kontro ezami Andre' Bianchi qal illi party f'daru ghamel wiehed meta dahal fid-dar. Rega' nsista li daru ma kinitx fi

stat li jilqa' nies ghandu. Qabel illi darba kellu habiba li halliet il-kamra tal-banju fi stat traskurat u kienet fuq dan ilmentat l-imputata. Dan skondtu kien tlettax jew erbatax-il sena ilu. Qal ukoll illi fil-wallet apparti l-flus li kien semma', kellu wkoll Lm300.00 f'cheques li pero ma gewx imsarrfa sa fejn kien jaf hu.

Xehdet ukoll Dorothy Trapani Galea, qalet illi l-imputata kienet tahdem maghha u ma' ohtha l-mejta. Keinet ukoll maid ma' Andre' u Nicholas Bianchi, u ma' oht ommhom Mrs Bianchi. Qalet illi l-imputata kienet ilha maghha ghal circa tnax-il sena. Qalet illi kemm hi u kemm ohtha Mrs Bianchi bdew isibu l-affarijiet neqsin bhal jewellery, fidda, hwejjeg. Ipprezentat lista tal-gojjellerija li sabet nieqsa, Dok DTG folio 73 et seq, in kwantu tirrigwardja r-residenza Lancaster House, Sliema, immarkata fuq il-lista sal-14-inch slate and book. Xehdet ukoll fuq l-affarijiet li naqsu lil ohtha Emily, illum mejta, li jidhru fuq l-istess lista, pero dak li naqas lil ohtha ghamlitu hi ghax ohtha kienet gia' mejta. Xehdet ukoll fuq curkett li naqsilha, Dok DTG, issa folio 76, li huwa l-valur tac-curkett versu l-prezz ta' Lm1,000.00.

Dan l-istess valur gie kkonfermat minn Graziella Mifsud li harget l-istess ricevuta u kkonfermat l-istess.

Xehdet ukoll dwar xugamani li naqsu, partikolarment wiehed b'naqra rakkmu.

Xehdet dwar gurnata fejn hi, ohtha, u zewg neputijiet iltaqghu ma' l-imputata. Irrispondiethom x'inhu gej, u qabdet u telqet. Kienu hawn, li fuq parir ta' l-Avukat, cemplu lill-pulizija. Ikkalkulat li hwejjigha mill-gwardarobba naqsu xi hames snin qabel.

Nicholas Bianchi xehed illi l-imputata kienet tahdem mieghu ghal dawn l-ahhar 5 jew 6 snin. Kellu suspett illi kienu qeghdin jonqsulu affarijiet mill-kcina bhal sikkina, termometru tal-forn. Bdew jissusspettaw f'Katrina. Qal illi huma fid-dar xi kultant ikollhom xi party, pero l-affarijiet li naqsulhom kienu dawk ta' kuljum, mhux li juzaw fil-parties. L-affarijiet nieqsa fi kliemu ma kinux ta' valur

staordinarju. Ikkonferma li l-affarijiet li naqsu minn daru kienu inqas minn Lm100.00.

Marie Bianchi xehdet dwar li l-imputata kienet ilha tahdem maghhom hmistax-il sena bhala house help. Qalet illi spiccat minn maghhom minhabba l-problemi li kellha ma' zijitha Dorothy Trapani Galea, ghax din bdew jonqsulha affarijiet trivjali, li mbaghad bdew jizdiedu fis-sustanza.

Xehdet dwar incident fejn hi halliet lill-imputata wahidha fid-dar, meta marret lura sabitilha fil-basket boroz ta' oggetti li jimporta zewgha, lumi u hwawar mill-gnien, sahansitra pjanta bl-gheruq b'kollox. Prezentata a folio 103 lista ta' l-oggetti li naqsulha, ghalkemm xehdet ukoll illi l-mascara kienet fil-fatt sabitha. Il-lista prezentata tikkoncerna lil Marie Bianchi in kwantu ghall-fond 3, Ville Fort.

Xehdet minn jeddha Katarina Scicluna. Qalet illi bdiet tahdem ma' Bianchi fis-sena 1995, li bdiet ma' Mrs Bianchi, umbaghad mat-tifel Andre', ma' ohtha Dorothy, Emily, u ma' Marie mart Nicholas. Qalet illi qatt ma qalulha li sabu affarijiet neqsin. Anzi qalet illi fid-djar taghhom qabilha kien jidhol il-gardinar, il-plumber. Innegat li hi qatt hadet xi haga minghandhom, anzi li kienet tistmahom daqs hutha. Irrakkontat ukoll l-incident fejn sabet it-toilet mahmug ghand Andre'. Anke qalet illi xi kultant Andre' kien jibaghtha tixtri xi kartuna halib, u li kienet tiehu l-flus minn go mug. Anke gieli xtrat il-gas u kien jaghtiha l-flus mill-istess mug. Xehdet illi kellha struzzjonijiet li tuza l-flus li kien hemm fil-mug, dan biex tixtri l-gas. Xehdet ukoll illi hi kienet tahsel anke lil Emily (oht Dorothy) u riedet ghalhekk taghtiha xugaman, anzi tliet xugamani u zewg figorini, li pero ma kinux jiswew hafna flus. Dwar il-biros qalet illi dawn kienet issibhom fid-dustbin u kienet tigborhom. Qalet illi fil-bqija ma kienet hadet xejn. Xehdet anzi dwar okkazjoni fejn darba sabet arlogg tad-deheb ghand Marie, li din ta' l-ahhar hasbet li kienet tilfet, anke li ghandha l-pulizija ma sabu xejn, dan meta saret tfittxija gor-residenza taghha. Fid-dar anzi lill-pulizija tathom id-deheb taghha.

In kontro ezami ammettiet li gieli lmentat maghhom li ma kinux ihallsuha bizzejjed. Ammettiet ukoll illi hadet mill-mug 47 cents (ta' l-Ewro) ghal tal-linja u qalet illi dwarhom wara kellha tghid lil Andre'.

Semghet anke x-xhieda ta' l-Ispettur Joseph Mercieca li qal illi wara li talab hrug ta' Mandat t'Arrest u Tfittxija fil-konfront ta' l-imputata, effettwa search ghandha u hemm tatu xi affarijiet zghar bhal statwetti u xugamani.

PS 1133 Joseph Borg effettwa anke search fir-residenza ta' l-imputata, hemm sab affarijiet tad-deheb, anzi tathomlu l-imputata minn jeddha, pero d-derubati kkonfermaw li l-ebda wahda minn dawk il-biccet ma kienet tappartjeni lilhom.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok, jirirzulta li l-istqarrija ezebita fl-atti bhala Dok JM a folio 42, kienet wahda li ttiehdet fuori r-regoli stabbiliti mill-Qorti Kostituzzjonali taghna, u minn dik Ewropea, allura m'ghandha ebda valur probatorju.

Fit-tieni lok, saru hafna allegazzjonijiet dwar l-oggetti li l-imputata suppost serqet minghand id-diversi membri tal-familja Bianchi. Fil-fatt dak li fil-fatt irrizulta minnha ammess kien li hi hadet 47 cents tal-Ewro, xi xtieli u lumi. Xejn aktar ma gie ppruvat.

Certament li l-valur ta' dawn huwa ferm irrizorju – ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 261, 268, 269, 282 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tergax taghmel reat iehor fi zmien 6 xhur mill-lum, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------